



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2011/2246(INI)

21.6.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-Karta tal-UE: Regoli komuni għal-Libertà tal-Midja fl-UE kollha
(2011/2246(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Marek Henryk Migalski

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li midja ħielsa, indipendenti u pluralistika, offlajn u onlajn, hija waħda mill-pedamenti tad-demokrazija u jirrikonoxxi l-importanza tal-pluralità tal-għejjun tal-informazzjoni għal-libertà reali tal-midja u tal-pluraliżmu; jenfasizza li huwa fl-interess komuni li tinżamm u tittejjeb il-midja ħielsa u indipendenti fl-Ewropa kollha;
2. Jinnota r-rwol deċiżiv tal-midja ħielsa u indipendenti u tal-iskambju liberu tal-informazzjoni fil-bidliet demokratiċi li qed iseħħu għewwa sistemi mhux demokratiċi, kif uriet reċentement ir-Rebbiegħa Għarbija; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib il-libertà tal-midja u l-pluraliżmu fil-pajjiżi ta' adeżjoni u li tagħti attenzjoni biżżejjed lir-rwol ta' midja ħielsa fil-promozzjoni tad-demokrazija madwar id-dinja; jenfasizza l-importanza tad-Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija f'dan ir-rigward (Rakkomandazzjoni tal-Parlament tad-29 ta' Marzu 2012 lill-Kunsill dwar il-modalitajiet għall-istabbiliment possibbli ta' Dotazzjoni Ewropea għad-Demokrazija (EED)¹);
3. Ifakkar li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nisslet obbligu pożittiv fl-Istati Membri biex tiżgura l-pluraliżmu tal-midja skont l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, li jinkludi dispożizzjonijiet simili għal dawk li jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ikun parti mill-acquis tal-Unjoni;
4. Jinnota li proporzjon dejjem jiżdied ta' ġurnalisti jispiċċa jaħdem f'kundizzjonijiet prekarji, mingħajr garanziji soċjali li huma komuni fis-suq tax-xogħol normali;
5. Għandu l-għan li jiggarantixxi l-pluraliżmu tal-midja u dibattitu pubbliku u kopertura tal-UE aktar kwalifikati, billi jiġi żgurat ambjent li fih il-ġurnaliżmu ta' kwalità jista' jibqa' jeżisti, għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi f'mudelli ġodda għall-finanzjament tal-ġurnaliżmu u jenfasizza li trid tiġi applikata l-libertà editorjali;
6. Jinsisti li l-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-Istati Membri jiggarantixxu f'pajjiżhom applikazzjoni kif suppost tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kif espressa permezz tal-pluraliżmu tal-midja, l-aċċess ugwali għall-informazzjoni u r-rispett għall-indipendenza tal-istampa permezz tan-newtralità;
7. Jenfasizza li s-sura pluralistika tal-midja hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb ta' sistema demokratika, minħabba li l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'dibattitu pubbliku u l-aċċess għall-informazzjoni fid-dinja diġitali jiddependu minn settur vibranti u kompetittiv tal-istampa awdjoviżiva u miktuba;
8. Jinnota li, skont il-kriterji ta' Kopenhagen, il-pajjiżi li jixtiequ jaderixxu mal-Unjoni Ewropea jridu jkunu konformi mal-acquis tal-Unjoni li jinkludi l-Karta tad-Drittijiet

¹ Testi adottati, P7_TA-PROV(2012)0113.

Fundamentali u, b'mod aktar partikolari, l-Artikolu 11 tagħha li jirrikjedi rispett għal-libertà u l-pluraliżmu tal-midja; jinnota, min-naħa l-oħra, li għalkemm l-Istati Membri eżistenti tal-Unjoni Ewropea huma wkoll obbligati jikkonformaw mal-Karta, ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu biex jiżgura li qed jikkonformaw;

9. Jenfasizza r-rwol fundamentali ta' sistema doppja Ewropea bbilanċjata b'mod ġenwin, li fiha l-midja tas-servizz pubbliku u privat jaqdu r-rwoli rispettivi tagħhom, indipendentement minn pressjoni politika u ekonomika, fil-promozzjoni tad-demokrazija, il-koeżjoni u l-integrazzjoni soċjali u l-libertà tal-kelma;
10. Jinnota li l-bidliet fil-qasam tal-midja u tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni qed jiddefinixxu mill-ġdid l-arena tal-iskambju ta' informazzjoni; jinnota li t-teknoloġiji l-ġodda ħolqu possibilitajiet ġodda għal-libertà tal-kelma u tal-espressjoni individwali, li jistgħu jkollhom rwol kruċjali fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-parteċipazzjoni demokratika, ir-responsabbiltà, it-trasparenza u l-iżvilupp ekonomiku; jinnota espressjoni individwali bla restrizzjonijiet tista' wkoll tintuża ħażin għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jenfasizza għalhekk l-importanza tal-kodiċi ta' etika u ta' miżuri għall-ġlieda kontra l-inciċitament għall-mibiegħda, il-vjolenza jew it-terroriżmu; jiddikjara, madankollu, li s-sempliċi eżistenza ta' dawn il-pjattaformi ta' komunikazzjoni ġodda ma tiżgurax il-libertà tal-kelma u l-pluralità tal-midja minnha nfisha u li ma tnaqqasx ir-responsabilitajiet tal-gvernijiet f'dan ir-rigward; jenfasizza li l-pjattaformi tat-trażmissjoni diġitali terrestri jikkontribwixxu għad-diversità tal-opinjoni minħabba li huma għandhom il-kapaċità partikolari li b'mod dirett jittrażmettu informazzjoni differenti, lokali u reġjonali għal prezzijiet irħas għall-konsumatur;
11. Jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni suffiċjenti għal-livell ta' konċentrazzjoni tas-sjieda tal-midja fl-Istati Membri; iżda jenfasizza li l-kunċett tal-pluraliżmu tal-midja ma jistax tkun limitat għal din il-kwistjoni biss, iżda jinkludi wkoll il-projbizzjoni taċ-ċensura, il-protezzjoni ta' sorsi u ta' whistleblowers, kwistjonijiet relatati mal-pressjoni mill-atturi politiċi u l-forzi tas-suq, it-trasparenza, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ġurnalisti, l-awtoritajiet ta' kontroll tal-midja, id-diversità kulturali, l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda, aċċess mhux ristrett għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, l-aċċess mhux iċċensurat għall-Internet u d-distakk diġitali;
12. Jerġa' jafferma l-prinċipju tan-newtralità tal-Internet, li huwa maħsub biex jiġi żgurat li l-Internet jibqa' teknoloġija ħielsa u miftuħa, li trawwem il-komunikazzjoni demokratika;
13. Jistieden lill-Istati Membri jkunu aktar iebes fil-valutazzjonijiet tagħhom ta' theddid għall-pluraliżmu tal-midja, il-libertà tal-midja u l-libertà ta' espressjoni inġenerali u sabiex jindirizzaw dan it-theddid malli jfeġġ; L-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jeliminaw konċentrazzjonijiet ta' midja b'influwenza qawwija żżejjed fi ħdan il-ġurisdizzjonijiet tagħhom;
14. Jenfasizza li l-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti għandha tkun, assolutament u b'mod effettiv, garantita fl-ordinament ġuridiku tal-Istati Membri kollha;
15. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw l-indipendenza ġurnalistika u editorjali permezz ta' garanziji ġuridiċi adegwati u speċifiċi, u jiġbed l-attenzjoni lejn l-importanza tal-istatuti editorjali sabiex jiġi evitat li s-sidien, l-azzjonisti, il-gvernijiet u l-partijiet

interessati esterni jindaħlu fil-kontenut tal-aħbarijiet; f'dan il-kuntest, jenfasizza li l-indipendenza editorjali u l-awtonomija tal-kontenut imxandar b'mod indipendenti mill-kontroll u l-involvement tal-istat fuq il-midja, huma kruċjali għas-sura ħielsa u diversa tal-midja;

16. Jinnota b'dispjaċir li l-Kummissjoni Ewropea ma pproċedietx għat-tielet stadju tal-proċess fi tliet stadji tagħha biex tindirizza t-tħassib dwar il-konċentrazzjonijiet tal-midja fl-Unjoni Ewropea; jistieden, f'dak ir-rigward, lill-Kummissjoni Ewropea biex b'mod immedjat tippubblika komunikazzjoni dwar l-indikaturi għall-pluraliżmu tal-midja fl-Istati Membri tal-UE;
17. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tqis b'mod urġenti li tipproponi arranġamenti li jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tas-sorsi għall-impriżi tal-midja u l-ġurnalisti;
18. Jinnota li f'soċjetà multimedjatika, fejn fis-snin reċenti żdied in-numru ta' atturi tas-suq globali li huma purament immexxija mil-lat kummerċjali, midja ta' servizz pubbliku b'saħħitha hija essenzjali sabiex tiġi żgurata s-sura pluralistika tal-midja u tkun issalvagwardjata u promossa l-libertà ta' espressjoni, sakemm din tista' żżomm id-distanza meħtieġa mill-influwenza tal-gvern;
19. Ifakkar li l-kriżi finanzjarja attwali tpoġġi l-pluraliżmu tal-midja friskju u wasslet għal problemi tal-libertà ta' espressjoni u ta' ċensura li affettwaw il-midja pubblika f'diversi Stati Membri;
20. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-istudju indipendenti, li sar fuq talba tal-Kummissjoni, dwar id-definizzjoni ta' indikaturi li jkejlu l-pluraliżmu tal-midja tal-UE u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħmel użu sħiħ mill-Għodda għall-Monitoraġġ tal-Midja, li tapplika kunċett wiesa' ta' pluraliżmu tal-midja u li tista' tidentifika riskji potenzjali għall-pluraliżmu tal-midja fl-Istati Membri, u biex tressaq rakkomandazzjonijiet li jindirizzaw dawn ir-riskji;
21. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar 'ix-xandir għas-servizz tal-pubbliku fl-era diġitali: il-futur tas-sistema doppja'¹, li tenfasizza r-rwol importanti li l-midja tas-servizz pubbliku għandha fis-soċjetà; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' approċċ bilanċjat bejn xandara pubbliċi u privati għall-protezzjoni tal-kompetizzjoni ġurnalistika, tal-informazzjoni u tad-diversità ta' opinjonijiet;
22. Ifakkar fir-rakkomandazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, li l-Istati Membri kollha tal-UE qablu dwarhom u li jistabbilixxu standards Ewropej relatati mal-libertà ta' espressjoni, il-libertà tal-istampa, il-pluraliżmu tal-midja u l-indipendenza, l-organizzazzjoni, il-mandat u l-finanzjament tal-midja tas-servizz pubbliku; ifakkar lill-Istati Membri dwar l-impenn tagħhom favur dawn l-istandards Ewropej, u jirakkomanda li jipprovdu finanzjament adegwat, proporzjonat u stabbli lill-midja tas-servizz pubbliku sabiex il-midja tas-servizz pubbliku jkunu jistgħu jissodisfaw il-mandat tagħhom, inkluż ir-rwol soċjali, edukattiv, kulturali u demokratiku, jiggarrantixxu indipendenza politika u ekonomika, jadattaw għall-bidla diġitali u jikkontribwixxu għal soċjetà inklussiva tal-informazzjoni u l-għarfien, permezz ta' midja rappreżentattiva u ta' kwalità għolja li tkun

¹ ĠU C 99E, 3.4.2012, p. 50.

disponibbli għal kulħadd;

23. Jenfasizza li numru dejjem ikbar ta' ġurnalisti huma impjegati f'kundizzjonijiet prekarji fin-nuqqas ta' garanziji soċjali, u jenfasizza li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-professjonisti tal-midja jridu jitjiebu;
24. Jenfasizza r-responsabilitajiet soċjali li għandha kumpanija tal-midja, peress li għandha influwenza ideoloġika u politika konsiderevoli; jenfasizza li r-rapporti tal-midja għandhom ikunu konformi b'mod konsistenti ma' kodiċi ta' etika ġurnalistiċi, inkluż ir-rappurtar obbjettiv;
25. Jenfasizza r-rwol vitali tar-regolaturi tal-midja nazzjonali indipendenti sabiex jiġi salvagwardjat il-pluraliżmu tal-midja u biex jiġu żgurati l-oġġettività, l-imparzjalità u r-responsabbiltà tal-midja fl-Istati Membri; jistieden lill-Istati Membri jintensifikaw il-kooperazzjoni fost ir-regolaturi tal-midja nazzjonali fi ħdan il-Pjattaforma Ewropea tal-Awtoritajiet Regolatorji (EPRA) u jżidu l-iskambju tal-esperjenzi u l-aħjar prattiki fir-rigward tas-sistemi ta' xandir nazzjonali rispettivi tagħhom;
26. Jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fir-rigward tas-sjieda ta' xandara privati, li trid tiġi żgurata fl-Istati Membri kollha, u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tissorvelja u tappoġġja l-progress għal dan il-għan;
27. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni u l-Istati Membri, fil-qafas tal-politika tal-Kummissjoni tal-litteriżmu medjatiku, jagħtu biżżejjed attenzjoni lill-importanza tal-edukazzjoni dwar il-midja, li trid tagħti liċ-ċittadini l-ħiliet tal-interpretazzjoni kritika u l-kapaċità li jagħrblu l-volum dejjem ikbar ta' informazzjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	19.6.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 27 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Zoltán Bagó, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Santiago Fisas Aixela, Lorenzo Fontana, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marek Henryk Migalski, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Gianni Pittella, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, László Tőkés, Gianni Vattimo, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Ivo Belet, Seán Kelly, Iosif Matula, Rui Tavares
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Luigi Berlinguer, Mario Pirillo